## Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2023**

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Ġur. 730/2019 RGM**

**Maria Cassar u Andrea Cassar**

**vs.**

**Silvan Michael Farrugia u**
**Christopher Cutajar u b’digriet tat-**
**18 ta’ Novembru 2020 ġew nominati Avukat Dr Graziella Tanti u**
**P.L. Quentin Tanti sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti Christopher Cutajar**

**Il-Qorti:**

1. B’rikors ġuramentat tal-24 ta’ Lulju 2019 kif emendat in forza ta’ digriet tas-17 ta’ Marzu 2021, l-atturi fissru u talbu s-segwenti:

    1. “Illi f’ Marzu tal-2019, Andrea Cassar, li jiġi iben ir-rikorrenti Maria Cassar, avviċina lill-intimat Silvan Michael Farrugia, fejn huwa esprima miegħu x-xewqa illi jixtri vettura *‘second hand’* mill-Ingilterra u staqsih jekk ikux jista’ jitlalu għall-karozza hu u jagħmillu l-arranġamenti

neċessarji sabiex iniżżilielu Malta stante illi l-istess intimat jeżerċita dan it-tip ta' kummerċ;

2. Illi sussegwentement, l-intimat Silvan Michael Farrugia infurmah illi huwa seta' jniżżillu l-karozza iżda li kien jaf b'persuna affidabbli ħafna *ossia* l-intimat Christopher Cutajar, liema persuna stqarr illi ilu jaħdem magħha għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin u li seta' jaqdih billi jniżżillu vettura tal-gosti tiegħu li tkun f'kundizzjoni eċċellenti, b'prezz irħas milli li kieku jniżżillu l-karozza hu stess;

3. Illi ir-rikorrenti Andrea Cassar ma sabx oġġezzjoni għal proposta surriferita da parti tal-intimat Silvan Michael Farrugia;

4. Illi konsegwentement, Andrea Cassar kien għażel il-vettura 'online' tal-għamla Mercedes 'A' Class bin-numru ta' reġistrazzjoni WG66YAE, u indika din il-vettura lill-intimat Silvan Michael Farrugia, fejn l-istess intimat kien infurmah illi kien ser jikkomunika mal-intimat Christopher Cutajar sabiex jinfurmah dwar l-għażla tal-vettura;

5. Illi ftit żmien wara, l-intimat Silvan Michael Farrugia kien reġa' kkomunika mar-rikorrenti Andrea Cassar fejn kien infurmah illi huwa kien irranġa kollox mal-intimat Christopher Cutajar filwaqt li kien taħ struzzjoni sabiex jiddepożita s-somma kollha rappreżentanti l-prezz tal-vettura surriferita f'kont tal-Barclays Bank, liema kont bankarju kien infurmah illi jappartjeni lill-Christopher Cutajar;

6. Illi Andrea Cassar kien għamel dak mitlub minnu mingħand l-intimat Silvan Michael Farrugia u għaldaqstant fit-28 ta'Marzu 2019, iddepożita s-somma ta' sbatax-il elf, sitt mija u tlett Ewro (€17,603) fil-kont bankarju t'ommu, u ċioe tar-rikorrenti Maria Cassar (kopja tal-irċevuta hawn annessa u mmarkata bħala ***'Dok A')*** u sussegwentement fl-istess ġurnata, is- somma ta' erbatax-il elf, tmien mija u disgħa u erbgħin lira sterlina (£14,849) ekwivalenti għal sbatax-il elf ħames mija u tmeinja u disgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€17,598.10) ġiet trasferita mill-istess kont għal ġo kont ta' Barclays Bank f'isem Natalie C Seels ta' 38, Malvern Close, High Wycombe HP 135SA *(kopja tal-ordni tal-ħlas hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok B'***);

7. Illi fit-2 t'April 2019, li suppost kienet il-ġurnata meta l-intimat Christopher Cutajar kellu jmur għall-vettura għand l-*autodealer*, l-intimat Silvan Michael Farrugia informa lir-rikorrenti Andrea Cassar illi Christopher Cutajar ma baqax jikkomunika miegħu aktar;

8. Illi dik il-ġurnata stess, ir-rikorrenti Maria Cassar għamlet rapport mal-Pulizija fid-diviżjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta *(kopja tar-rapport hawn anness u mmarkat bħala **'Dok C'**)*

9. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti Maria Cassar pruvat tikkanċella t-trasferiment tas-somma sopraċitata iżda ġiet infurmata mill-banek konċernati illi l-flus kienu laħqu inġibdu *(kopja ta' żewġ ittri mill-Barclays Bank u Bank of Valletta datati 3 t'April 2019 u 16 t'April 2019 rispettivament hawn annessi u mmarkati bħala **'Dok D'**)*;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, bħala l-persuna li kienet qed tikoordina x-xiri tal-vettura u l-kunsinna tal-istess, l-intimat Silvan Michael Farrugia kellu r-responsabbilta' legali sabiex ma jiġrix dak li fil-fatt ġara, u għaldaqstant, in-negliġenza jew traskuraġni tal-istess wasslet għas-sitwazzjoni odjerna;

11. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tas-somma sopraċitata, inkluż b'ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 1674/2019 datata 8 ta' Mejju 2019 *(kopja tal-ittra uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok E'**)*, ir-rikorrenti għadhom sal-llum il-ġurnata mingħajr l-imsemmija vettura u mingħajr flus;

12. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda rimedju ieħor għajr illi jintavolaw dan ir-rikors ġuramentat.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

- Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati, jew minn minnhom, għandhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, tmien mija u disgħa u erbgħin lira sterlina (£14,849) ekwivalenti għal sbatax-il elf ħames mija u tmienja u disgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€17,598.10);

- Konsegwentement, tordna u tikkundanna lill-intimati, jew minn minnhom, sabiex iħallsu l-ammont kollu, kif hekk preċedentement kien likwidat u dikjarat.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 1674/2019 u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati, jew minn minnhom, li minn issa qed jiġu inġunti in subizzjoni."

2. Fis-16 t'Ottubru 2019 Silvan Farrugia ppreżenta r-risposta ġuramentat tiegħu fejn laqa' għat-talbiet attriċi bil-mod segwenti:

    1. "Illi prelimnarjament, jigi eccepit in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attrici Maria Cassar f'dawn il-proceduri;

    2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit l-irritwalita u konsegwentement in-nullita tar-rikors guramentat promotur u dan stante li t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti minghajr dikjarazzjoni gudizzjarja li l-konvenuti jew xi hadd minnhom ircieva l-ammont reklamat indebitament;

    3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma huwiex legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn ir-rikorrenti u l-intimat Christopher Cutajar, u dan billi kif jirrizulta ampjament mir-rikors guramentat promotur l-esponenti ma rcieva xejn mill-fondi mertu ta' din l-azzjoni;

    4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda tort ma jista' jigi mputat lill-esponenti peress illi kien jispetta lir-rikorrenti li jivverifikatw min kien ir-recipjent tal-fondi minnu mibghuta;

    5. Illi mighajr pregudizzju ghas-suespost, ebda negligenza ma tista' tigi attribwita lill-esponenti u dan billi l-frodi kommessa mill-konvenut Christopher Cutajar kienet imprevedibbli;

6. Illi mighajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, ebda negligenza da parti tal-esponenti ma tista’ tigi dikjarata fil-konfront ta’ l-esponenti minn din l-Onorabbli Qorti billi t-talbiet rikorrenti f’ebda stadju ma jitolbu ghal tali dikjarazzjoni.

7. Illi fil-mertu, it-talbiet rikorrenti, almenu fir-rigward tal-esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda;

8. B’riserva ghall-ecezzjonijiet ulterjuri skont l-ezitu tal-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet.”

3. Fir-rigward ta’ Christopher Cutajar sar tentattiv sabiex isir notifika tal-atti f’indirizz fl-esteru pero’ irriżulta li ma kienx għadu l-indirizz residenzjali tiegħu u kien għalhekk li l-Qorti ħatret kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti Christopher Cutajar.

4. Kien fit-18 ta’ Diċembru 2020 li l-Kuraturi Deputati Dr. Graziella Taniti u P.L. Quentin Tanti li ppreżentaw is-segwenti eċċezzjoni:

   1. “Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti *de quo* u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata u ulterjuri flimkien ma’ lista ta’ xhieda u dokumenti jekk ikun il-każ, f’każ u jekk jiġu edotti mill-fatti;

   Salv risposta ulterjuri.”

5. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-provi mressqa mill-partijiet.

6. Wara li rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fil-31 ta’ Jannar 2023[1], tal-konvenut Silvan Farrugia ppreżentata fl-14 ta’ Marzu 2023[2] kif ukoll tal-Kuraturi Deputati ppreżentata fl-14 ta’ Marzu 2023[3], kif ukoll semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet, ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat

[1] Fol 356 et seq tal-proċess.
[2] Fol 356 et seq tal-proċess.
[3] Fol 362 et seq tal-proċess.

**Provi.**

7. L-attur Andrea Cassar xhed illi fis-sena 2016 huwa kien ikkomunika mal-konvenut Silvan Michael Farrugia fejn urih ix-xewqa li jixtri karrozza mill-Ingilterra. Kien ikkomunika miegħu peress illi preċedentement il-konvenut Farrugia kien ġia assista lill-mart l-attur sabiex xtrat vettura mill-Ingilterra. Xtaq għalhekk illi jitlob lill-konvenut Farrugia jassisti lilu wkoll fix-xiri ta' vettura mill-Ingilterra. Fl-iskambju ta' korrispondenza bejniethom il-konvenut Farrugia informa lill-attur illi kellu ħabib tiegħu li jgħix l-Ingilterra u li kien ilu jaħdem miegħu fix-xiri ta' vetturi mill-Ingilterra għal għaxar (10) snin u li seta' jinkarigah sabiex imur jara il-vettura li jkun għażel l-attur minn fuq l-internet. Il-konvenut Farrugia qal lill-attur illi meta jkun inkarigat minn xi ħadd ġewwa Malta sabiex iġiblu karrozza mill-Ingilterra u peress li kienet tkun fuq vettura waħda u mhux fuq numru ta' vetturi, kien aktar viabbli għall-konvenut li jqabbad lill-ħabib tiegħu għaliex kienet tiġix orħos milli l-konvenut Farrugia joqgħod jitla' l-Ingilterra sabiex jara l-vettura. Għalkemm l-attur urih ix-xewqa li jkun Farrugia stess li jitla' jeżamina l-vettura ħalli jkollu moħħu mistrieħ, l-attur jgħid li l-konvenut Farrugia serraħlu rasu illi l-persuna fl-Ingilterra li magħha kien jaħdem fuq dan ix-xogħol kien car dealer u li kellu l-esperjenza neċessarja fl-ispezzjonijiet tal-vetturi u sabiex jieħu ħsieb it-trasport tal-vettura mill-Ingilterra lejn Malta.

8. Il-komunikazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenut Farrugia reġgħu komplew f'Marzu 2019 bi skambju dwar diversi links ta' l-internet dwar vetturi li l-attur kien interessaqt li jixtri waħda minnhom. Meta identifika l-vettura li xtaq jixtri il-konvenut Farrugia ta' lill-attur dettalji ta' kont bankarju ma' Barclays Bank fl-Ingilterra intestat fuq isem certu Nathalie C Seels. L-attur jgħid li ipprova jibgħat il-flus mill-kont bankarju tiegħu iżda għal xi raġuni l-flus ma għaddews. Jgħid li għalhekk iddepożita l-ammont ta' €16,581.03, ekwivalenti għal £14,849, fil-kont bankarju ta' ommu, l-attriċi Maria Cassar u minn hekk il-flus ġew trasferiti fil-kont bankarju ma' Barclays Bank li kien indikalu l-konvenut Farrugia. Il-konvenut Farrugia ikkonfermalu illi l-flus kienu ġew trasferiti.

9. F'April 2019 il-konvenut Farrugia informa lill-attur illi l-persuna ġewwa l-Ingilterra li kien jaħdem magħha ma kienx qed jirrispondi għall-komunikazzjonijiet tiegħu. Kien hawn li skond l-attur il-konvenut informah illi l-persuna li kien jaħdem magħha kien il-konvenut l-ieħor Christopher Cutajar

bil-laqam "il-Pejxa". L-attriċi ippruvat illi l-fondi trasferiti jiġu riversati pero' dan ma kienx possibbli.

10. Min-naħa tiegħu il-konvenut Farrugia jiċħad li huwa importatur tal-karrozzi għalkemm huwa dilettant tal-karrozzi u li kien għalhekk li matul is-snin xtara "ħafna karrozzi" u li wara ftit ibiegħhom peress li jara xi mudell ta' karrozza ieħor li jogħgbu u jixtrih u jbiegħ il-vettura li jkun xtara preċedentement. Jgħid li kien għalhekk li matul is-snin xtara ħafna karrozzi mhux biss minn Malta iżda wkoll mill-Ingilterra u mill-Irlanda. Jgħid li kien iltaqa' mal-konvenut Christopher Cutajar għal ħabta tas-snin 2009 – 2010 peress li Cutajar kien jgħix l-Ingilterra u kien jaħdem mal-kumpanija Fahrenheit Logistics li l-konvenut Farrugia kien jinkariga sabiex jitrasporta l-vetturi li kien jixtri mill-Ingilterra. Kien jafu bħala sewwieq ma' din il-kumpanija u l-idea li kien ħa tiegħu kienet li "b'mod ġenerali donnu kien jirranga ghal kollox". "Li kont nagħmel kien li meta nkun xtrajt karrozza mill-Ingilterra kont insuqha sa ghalqa tal-Fahrenheit fejn kont niltaqa' ma' Christopher Cutajar. Kont inħallilu l-log book u ċ-ċievet tal-karrozza u nhalli f'idejh biex jirranga biex il-karrozza tigi esportata mill-Ingilterra għal Malta."

11. Il-konvenut Farrugia kompla jixhed illi: "Maż-żmien, ir-reputazzjoni ta' Christopher Cutajar f'dan il-qasam kibret u eventwalment iddecieda li jieqaf jaħdem ma' Fahrenheit u jibda jaħdem għal rasu. Niftakar li Christopher Cutajar kien xtara transporter, qisu tow-truck, li bih seta' jopera. Il-mod ta' kif kien jaħdem kien li persuna li trid tixtri karozza tagħmel kuntatt miegħu, turih il-karozza li trid u fejn qegħda. Minn hemm, Chritopher Cutajar kien imur sa fejn il-karozza (niftakar li kien jiehu flus talli jmur u kellu rata skond in-numru ta' mili li jkollu jsuq) biex jispezzjona, u jekk jara li hemm kollox sew, jgħabbiha għal Malta."

12. Il-konvenut Farrugia xhed illi ħafna car dealers kienu jinkarigaw lill-konvenut Cutajar sabiex iġibu vetturi mill-Ingilterra sa Malta "għax kien fdat".

13. Jgħid li hu qatt ma ġab vettura għal ħaddieħor pero' stqarr illi ġieli mar l-Ingilterra ma' ħaddieħor sabiex "dak li jkun miegħi nurih il-proċess". Ikkonferma li fis-sena 2013 huwa kien assista lill-mart l-attur sabiex tixtri karozza mill-Ingilterra u li kienet ħalliet kompletament f'idejh. Jgħid illi dak kien l-unika darba li kien ħa ħsieb iġib vettura għal ħaddieħor mill-bidu sa l-aħħar fejn kien sabilha vettura li għoġbitha minn fuq l-online listings u kien

saħansitra tela’ għaliha l-Ingilterra. “Għal dan kollu ma niftkarx jekk ħadtieliex xi ħaġa, pero’ jekk ħadt commission kif qed tgħid li għamilt, din verament kienet commission żgħira.”

14. Jgħid li meta f’Marzu 2019 l-attur kien avviċinah sabiex jgħinu jixtri vettura mill-Ingilterra huwa ma setax jitla l-Ingilterra biex jara wkoll vettura oħra għalih għaliex martu kienet tqila. Jgħid li għalhekk kien semma lill-attur li kien jaf lill-Chrisopher Cutajar li kien jgħix l-Ingilterra, li kien jitrasporta l-karozzi mill-Ingilterra sa Malta u li seta’ wkoll imur jispezzjona l-vettura li tkun għoġbot lill-attur.

15. Jispjega dak li ġara bil-mod segwenti:

“Andrea beda jfittex il-mudell li xtaq u kien joqgħod jibgħatli l-listings biex nagħtih l-opinjoni tiegħi. Eventwalment iddeċieda li jixtri karozza tal-għamla Mercedes A Class u kien sab karozza partikolari għall-but tiegħu. Kien bagħatli l-listing u min-naħa tiegħi jien bgħattha lil Chrisopher Cutajar. Christopher Cutajar qalilna li kien lest imur jaraha pero’ ovvjament, kellu bżonn il-flus f’idejh biex jekk kollox ikun sew ikun jista’ jaqbad u jixtri l-karozza dak il-ħin. Christopher Cutajar indikali kont bankarju u jien għaddejt id-dettalji lil Andre. Il-flus waslu għand Christopher Cutajar nhar il-Gimgħa 29 ta’ Marzu, 2019.”

16. Jgħid li meta Christopher Cutajar mar sabiex jara il-vettura li kienet għoġbot lill-attur, skopra li l-vettura kienet laħqet inbiegħet. Eventwalment l-attur għoġbitu vettura oġra mingħand l-istess car dealer fl-Ingilterra. “... u għalhekk biex ma jkunx hemm ripetizzjoni tal-istess storja, meta irnexxieli naqbad lil Christopher Cutajar staqsejtu biex jagħmel depożitu fuq dik il-karozza. Dan id-depozitu sar u Andrea eventwalment kien ikkonferma dan mad-dealer.”

17. Jgħid illi l-attur kien informah li ma kellux ċans imur il-bank biex jitrasferixxi l-flus u kien għalhekk li offrilu li jmur il-bank hu u jitrasferixxi £1,000 ekwivalenti għal €1,185.26. “It-Tnejn, 1 ta’ April,2019 mort sal-bank tiegħi u għamilt trasferiment lil kont li kien bagħat Christopher Cutajar u cioe’ indirizzat lil certa Natalie C Seels......Sa dakinhar, jien ma kelli l-ebda suspett jew ħsieb ħażin f’Christopher Cutajar.”

18. Jgħid li minn hemm 'il quddiem il-kuntatt tiegħu ma' Christopher Cutajar inqata' għaliex ma bediex jirrisponi għat-telefonati tiegħu.

19. Jgħid li l-għada l-attur kien informah li sab xi posts fuq Facebook fejn kien hemm nies jilmentaw li kienu vittimi ta' frodi tiegħu.

20. Jgħid li sallum kull kuntatt ma' Christopher Cutajar inqata' u la jaf fejn jinstab u lanqas x'inhu jagħmel.

21. Mill-korrispondenza eżebita mill-konvenut Farrugia jidher li fit-18 ta' Marzu 2019 il-konvenut Cutajar kien ta lill-konvenut Farrugia d-dettalji kollha meħtieġa sabiex isir it-trasferiment tal-flus, liema dettalji Farrugia kien bagħathom lill-attur fid-19 ta' Marzu 2019. L-isem tal-kont bankarju ġewwa l-Ingilterra kien f'isem Natalie C Seels.

22. Mill-korrispondenza eżebita jidher li sas-27 ta' Marzu 2019 il-flus li l-attur kien ipprova jittrasferixxi kienu għadhom ma waslux fil-kont bankarju indikat mill-konvenut Farrugia lill-Attur. Il-Qorti tosserva li ma jidhirx li ġiet eżebita mill-konvenut Farrugia l-korrispondenza kollha però jirriżulta li fit-28 ta' Marzu 2019 l-attur Andrea Cassar ikkonferma li l-flus kienu ġew trasferiti dirett mill-Bank of Valletta u li kellhom jaslu fil-kont bankarju tal-benefiċjarju dak inhar stess jew l-għada. Nafu mill-affidavit ta' ommu[4] kif ukoll mill-kopja tal-ordni tal-ħlas annessa mar-rikors promotur[5] li l-flus kienu ġew trasferiti mill-kont bankarju li hija kellha mal-Bank of Valletta. Fid-29 ta' Marzu 2019 l-konvenut Farrugia ikkonferma li l-flus kienu waslu[6] u dan wara li l-konvenut Cutajar kien ikkonfermalu li l-flus kienu daħlu fil-kont fis-somma ta' £14,849[7].

23. Mill-kumpless tal-provi jidher li kien biss wara t-2 t'April 2019 li l-attur Cassar sar jaf mingħand il-konvenut Farrugia li l-persuna li kienet ser tieħu ħsieb tmur għal karozza kien wieħed ċertu Christopher (Chris) Cutajar magħruf bħala l-Pejxa u cioe' il-konvenut Cutajar.

---

[4] Fol 22 tal-proċess.
[5] Fol 7 tal-proċess.
[6] Fol 43 tal-proċess.
[7] Fol 237: "SF: Dahlu?!
CC: Ha ticekjali cempiltila
SF: Ok
CC: She told me received £14,849
SF: Ok"

24. Il-korrispondenza turi illi l-konvenut Farrugia qal lill-attur sabiex jiċċekkja mad-*dealer* jekk "ghamilx i deposit u tiehu il plate tal car"[8] u sabiex imbagħad jinfurmah. Cassar ftit tal-minuti wara bagħtlu *screenshot* ta' post li ġiet ċirkulata fil-midja soċjali fit-28 ta' Jannar (2019) fejn kienet taqra hekk: "*Nixtieq navza lil maltin kollha li jekk jigu biex jixtru karozza mill-ingilterra ghamlu cert li ma jkollkhomx x taqsmu ma certu CHRISTOPHER CUTAJAR (IL PEJXA). Qed nghida bl akbar responsabilta HU Fraudista bil provi*." Għal din il-*post* kien hemm kumment li kien jgħid "*I agree with you, you send him the money and you [e]nd up with nothing like we did and others"*.

25. Mill-i*screenshots* ippreżentati mal-affidavit ta' Farrugia, jidher li oħt Christopher Cutajar kienet infurmat lil Cassar li ħuha qalilha li l-flus ma kienx iħallihom fil-kont ta' N Seels iżda kien jittrasferihom ġo kont bankarju tal-avukat tiegħu. Minn din il-konversazzjoni ħareġ ukoll li Cutajar kien qal lill-oħtu li Farrugia kemm-il darba ħadem bih.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni ta' Nuqqas ta' Interess Ġuridiku tal-attriċi Maria Cassar.**

26. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Farrugia hija li l-attriċi Maria Cassar m'għandha l-ebda interess ġuridiku fit-talbiet attriċi stante li huwa dejjem ikkomunika mal-attur Andrea Cassar u qatt mal-attriċi.

27. In tema legali huwa miżmum illi l-interess ġuridiku irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur. (**John Muscat et vs. Rachelle Buttigieg -** Prim Awla tal-Qorti Ċivili - 27 ta' Marzu 1990).

[8] Fol 47 tal-proċess.

28. "[...] rekwizit imprexxindibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu ("**Balluci vs Vella Gera**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "**Zammit vs Formosa et**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "**Zammit Psaila et vs Ellul**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956) ........l-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("**Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et**" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghall-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjuza ; huwa l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza" (**Nike Ventures Limited et vs. John Patrick Hayman et** - Prim' Awla - 15 ta' Settembru 2014).

29. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawza **Gordon Mizzi et vs. Dr John C. Grech et** deċiża fid-29 ta' April 2008 spjegat li:

> "domanda diretta ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni hija ammessa fil-gurisprudenza taghna, basta li l-Qorti tkun sodisfatta li d-domanda in kwistjoni ma tkunx biss domanda ghal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intenzjonata u tista' effettivament tigi segwita b'domanda ohra li tkun esegwibbli. Konsegwenza logika ta' dan hija li meta attur jipprezenta kawza li fiha jitlob merament dikjarazzjoni, huwa necessarju li huwa jizvela lill-Qorti liema huma dawk ir-rimedji li huwa jista' potenzjalment jirrikorri ghalihom, kemm-il darba l-ezitu tal-kawza dikjaratorja ikun favorevoli ghalih, u dan sabiex jissodisfa lill-Qorti li d-dikjarazzjoni li hu qieghed jitlob mhix wahda merament akkademika."

30. Applikati dawn il-prinċipji dwar l-interess ġuridiku għall-każ odjern il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

31. Mill-provi mressqa irriżulta illi l-flus li ġew trasferiti fl-esteru intbagħtu mill-kont bankarju ta' Maria Cassar. Joanna Bartolo, rappreżentanta tal-Bank of Valletta, xhedet illi fit-28 ta' Marzu 2019 kien sar depożitu ta' ċekk fl-ammont ta' €17,600 u li fl-istess ġurnata ġie trasferit l-ammont ta' €17,598.10 ekwivalenti għal £14,800 f'kont bankarju li huwa f'isem Maria Cassar. Ix-xhud spjegat li l-ammont ta' €17,598.10 ġie konvertit fil-lira sterlina u sussegwentement fl-istess ġurnata sar *swift transfer* bin-numru tal-ordni 7092579 fl-ammont ta' £14,883.06 lil ċertu Natalie Seels b'referenza bħala *car purchase* u kien hemm *charge* ta' £34.06.

32. Għalkemm Joanna Bartolo ma tindikax m'għand min Maria Cassar kienet irċeviet il-flus, kemm Andrea Cassar kif ukoll Maria Cassar ikkonfermaw li ċ-ċekk ta' €17,600 kien ħareġ mill-kont bankarju ta' Andrea Cassar u ġew depożitati fil-kont bankarju ta' Maria Cassar. Dan ġie ikkonfermat ukoll minn Charmaine Psaila Raji, ir-rappreżentanta tal-APS Bank.

33. Huwa evidenti għalhekk li l-flus inħarġu minn Andrea Cassar u mhux minn Maria Cassar. Il-Qorti tqis li Maria Cassar kienet biss il-persuna li għenet lil binha jittrasferixxi l-flus lit-terza persuna u dan wara li huwa kien sab xi diffikultajiet sabiex jittrasferixxi l-flus mill-kont bankarju tiegħu ma' APS Bank.

34. Ma hux kontestat illi l-attriċi Maria Cassar qatt ma kkomunikat mal-konvenut Farrugia u ma kellha x'taqsam xejn fl-inkarigu li l-attur ta lill-konvenut Farrugia.

35. L-interess ġuridku fl-attur irid ikun jissussisti fil-konfront tal-konvenut, element dan nieqes fir-rigward tal-attriċi. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Farrugia u tiddikjara n-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attriċi Maria Cassar li tipproponi l-azzjoni odjerna.

**L-Eċċezzjoni tan-Nullità tal-Azzjoni Attriċi.**

36. It-tieni eċċezzjoni ta' Farrugia hija fis-sens li r-rikors ġuramentat huwa null stante li ma saritx talba għal dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom irċevew l-ammont reklamat indebitament.

37. Eċċezzjoni ta’ nullità ta’ att ġudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiżiti stabbiliti fl-**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12**:

> “(1) L-eċċezzjoni ta’ nullità tal-atti ġudizzjarji tista’ tingħata –
>
> (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:
>
> Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.”

38. Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ **Bernardette Gatt et vs. Alessandro sive Sandro Cassano** mogħtija fil-31 t’Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta’ Mejju 2015:

> “Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta’ dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:
> • Il-kazijiet fejn tista’ tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.
> • Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.
> • Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.
> • Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b’cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.
> • L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.
> • Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita’ tac-citazzjoni.”

39. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Richard Attard noe vs. John Rizzo noe** mogħtija 18 ta' Frar 2021 iriteniet li:

> "f'materja ta' nullita` tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullita` ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdien li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif jipprovdi wkoll il-proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali [App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet **Vella v. Ċefai** (Kollez. Vol: LXXV.ii.467)]. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;"

40. Il-konvenut Farrugia naqas li juri fuq liema wieħed mis-sub-inċiżi tal-Artikolu 789 huwa applikabbli. Il-Qorti tinnota li filwaqt li ċertament m'hijiex nullita taħt is-sub-inċiż (b), il-Qorti lanqas ma tista' tqis li jaqa' taħt wieħed mis-sub-inċiżi rimanenti u dan stante li ma saret ebda vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi jew hemm nieqes xi partikolarità essenzjali.

41. Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, il-konvenut Farrugia qiegħed jistrieħ fuq sub-inċiż (ċ) u/jew (d), huwa ben saput, kemm mill-proviso tal-Artikolu 789 (1) kif ukoll mill-ġurisprudenza nostrana li l-eċċezzjoni tan-nullità ta' rikors promotur tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġabet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.

42. Ingħad ukoll li d-distinzjoni bejn nullità taħt is-sub-inċiż (ċ) u dik taħt is-sub-inċiż (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux 'sempliċi' ksur tal-forma preskritta[9]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar 'partikolarità essenzjali' u mhux partikolarità kwalunkwe. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala 'essenzjali' jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u rrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi

[9] Ara **Carmelo Galea vs. Pawlu Cuschieri** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1988.

jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[10].

43. Tqis għalhekk illi l-konvenut Farrugia ma seħħlux juri li fl-att promotur hemm xi nullita' li taqa' taħt xi wieħed mis-sub-inċiżi tal-Artikolu 789 (1) konsegwentement tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Farrugia.

**Mertu.**

44. Farrugia fit-tielet eċċezzjoni tiegħu eċċepixxa li m'huwiex il-leġittimu kontradittur u dan għaliex huwa kien biss intermedjarju. Din l-eċċezzjoni ser tiġi kkonsidrata flimkien mal-mertu.

45. Jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jiġi determinat x'hini x-xorta ta' relazzjoni ġuridika li hemm bejn l-attur Cassar u l-konvenut Farrugia.

46. Il-kontestazzjoni prinċipali bejn l-attur u l-konvenut Farrugia hija dwar x'kien l-irwol ta' Farrugia f'dak kollu li wassal għal din il-kawża.

47. Rilevanti f'dan ir-rigward aktar mit-testimonjanzi tal-partijiet huma l-korrispondenza elettronika li għaddiet bejn l-attur u l-konvenut Farrugia. Tqis li dawn il-messaġġi huma l-aħjar prova dokumentarja li tresqet quddiemha stante li huma turija ċara ta' x'verament kien qiegħed jiġi miftiehem *a tempo vergine*.

48. Ezaminati dawn il-provi dokumentarji huwa għall-Qorti aktar milli evidenti li l-attur kien inkariga lill-konvenut Farrugia, li min-naħa tiegħu aċċetta, li joħodlu ħsieb ta' dak kollu meħtieġ sabiex jixtri vettura mill-Ingilteraa kif ukoll joħodlu ħsieb tat-trasport tagħha lejn Malta.

49. Il-Kodiċi Ċivili tgħallimna li prokura jew mandat hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għan-nom tagħha.[11] Skond l-**Artikolu 1857 (2)** tal-Kodiċi Ċivili, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra jew bil-fomm, jew ukoll taċitament. Il-mandatarju huwa marbut bis-setgħat mogħtija lilu u ma seta' jagħmel xejn li joħroġ mil-

---

[10] Ara **Diane Vella et vs. Medserv Operations Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 t'Ottubru 2008.

[11] **Artikolu 1856 (1)** tal-Kodiċi Ċivili.

limiti tal-mandat.[12] Ai termini tal-**Artikolu 1873 (1)** tal-Kapitolu 16 *"l-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet*." In oltre l-mandatarju mhux biss iwieġeb għall-għemil doluż, iżda jwieġeb wkoll għal negliġenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.[13]

50. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmela Farrugia vs. Giuseppe Farrugia** mogħtija fl-20 ta' Novembru 1953[14]:

"L-unika limitazzjoni li taghmel il-ligi f'materja ta' mandat tirrigwarda s-setgha sabiex isiru trasferimenti ta' beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti ta' l-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet ohra ta' proprjeta', li trid tkun espressa;

Ghalhekk ma jidhirx li hija rikjesta ebda formalita'; u f'dana s-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. '*Siffatto mandato…. … non occorreva che fosse in iscritto per essere valido, sebbene fosse inteso per l'acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge*' (sent. App. 24 ta' April 1931 in re **S. Galea vs Paolo Gauci noe**, Vol. XXVIII.I.60; Prim'Awla 13 ta' Jannar 1947 in re **V.Vella vs Angelo Vella**; Prim'Awla 11 ta' Jannar 1950 **Rizzo Bamber vs Rizzo** )." Illi infatti f' "Richard Rizzo Bamber noe vs Giuseppina Rizzo noe et" (11 ta' Jannar 1950 - Vol.XXXIVB.II.430) il-Qorti sostniet :-

"Jinghad ukoll li ma ghandhomx jigu konfuzi l-formalitajiet li l-ligi tassativament tordna ghax-xiri ta' l-immobili, u li huma dettati sabiex jiggarantixxu l-validita' taghhom fir-rapporti bejn bejjiegh u xerrej u di fronti ghat-terzi, mal-ftehim u rapporti li jkunu jezistu bejn mandanti u mandatarju. Skond l-ispirtu u l-iskop tal-ligi, fit-trasferiment ta' l-immobili, dak li ghandu, taht piena ta' nullita', jirrizulta mill-att pubbliku jew mill-miktub, huwa rispettivament il-kuntratt tat-trasferiment jew il-promessa tal-bejgh u cjoe' l-att bejn il-mandatarju, jew il-pretiz kumpratur, u t-terza persuna li tkun il-venditur; mentri l-mandat fl-effetti tieghu limitati bejn il-mandanti u l-mandatarju jista' jigi dejjem dimostrat u pruvat skond in-normi dettati ghall-prova ta' l-obligazzjonijiet in generali. Din hija l-

[12] **Artikolu 1864** tal-Kodiċi Ċivili.
[13] **Artikolu 1874 (1)** tal-Kodiċi Ċivili.
[14] Vol.XXXVIIB.I.350.

konsegwenza legittima u natural ta' l-art 1959 u 1965 tal-Kodici Civili, Kap.23 ta' l-Edizzjoni Riveduta; minn fejn jidher, kif intqal fuq, li l-mandat jista' jkun espress jew tacitu, u ghandu jkun dejjem espress fil-kazi msemmija taht it-tieni artikolu fuq citat, u li huma attijiet li jsiru barra mill-ordinarja amministrazzjoni. B'dana kollu, mandat "exprissis" ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b'mezzi ohra li huma permessi mil-ligi;"[15]

51. Il-mandat hu dak in-negozju ġuridiku li permezz tiegħu persuna tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha lil persuna oħra sabiex taġixxi għan-nom tagħha fl-interess tagħha jew sabiex tagħmel ċerti atti ġuridiċi f'isimha bl-effett tagħhom jimpinġi fuq il-jeddijiet tal-mandant. Hu prinċipju ġenerali tad-dritt illi l-mandatarju hu mistenni li jagixxi bid-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja kif dispost f'Artikolu 1132 tal-Kodici Civili skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Il-kondotta tal-mandatarju trid tkun wahda *pari passu* ma' l-intenzjoni effettiva tal-mandanti tieghu u b'mod li twassal ghal konsegwiment ta' rizultat utli u necessarjament favorevoli. Jekk hu ma jsegwix dan il-mudell ta' imgieba jista' jsib ruhu responsabbli u debitament sanzjonat. (**Louis Naudi et vs. Josephine Cassar et -** Prim'Awla - 6 ta' Ottubru, 2010)

52. Rilevanti in tema s-sentenza **Albert Calleja noe vs. Franco Buttigieg** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Jannar 2023 fejn għamlet ġabra tal-punti ewlenin r-rigwardanti l-istitut tal-mandat:

"19. Huwa magħruf li l-mandat m'għandux għalfejn ikun bil-mitkub, iżda jista' jkun bil-fomm u saħansitra anke taċitu (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Kemm hu hekk, skont l-**artikolu 1857(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-mandat jista' jingħata: (i) b'att pubbliku, (ii) b'kitba privata, (iii) b'ittra jew bil-fomm, jew (iv) ukoll taċitament;

---

[15] **Rosanne sive Roxanne Rizzo pro et noe vs. Adrian Rizzo** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru 2014 reaffermat li:-

"47. Sabiex jikkonfigura l-mandat tacitu jehtieg li jigi ppruvat il-kunsens espress, ghalkemm mhux necessarjament bil-miktub, taz-zewg partijiet; jehtieg li jigi ppruvat l-idem *placitum consensus* taz-zewg partijiet, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut ghax huwa l-fuzjoni tal-kunsens taghhom li johloq il-vinkolu legali u jwassal ghall-ezistenza ta' dan il-mandat u ghall-applikazzjoni tal-principji relattivi."

20. Lanqas l-aċċettazzjoni min-naħa tal-mandatarju ma teħtieġ xi forma partikolari għaliex skont l-**artikolu 1858 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, din tista' wkoll tkun taċita u tidher mill-fatt (ara ***Vincent Camilleri v. Emanuel Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2015). Naturalment, il-mandat taċitu jiddependi minn imġiba waħdanija u konkludenti li minnha tista' tingħaraf l-għotja tal-mandat u l-aċċettazzjoni tiegħu (ara ***David Chetcuti nomine v. Richard K. Kandler*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-15 ta' Novembru, 2006);

21. M'hemmx kwistjoni li min jallega l-eżistenza tal-mandat, għandu fuqu l-piż li jippruvah (ara ***Ethel Farruġia v. Albert von Brockdorff noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-5 ta' Frar, 1971, ***Frank Ċilia nomine v. Charles Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April, 1992, ***Atlas Insurance Limited proprio et nomine v. Air Cargo Logistics Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-1 ta' Marzu, 2006 u ***Joseph Attard et v. Anthony Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019) u f'każ ta' dubju l-mandat għandu jiġi eskluż (ara ***John Falzon et v. KML Manufacturing Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Ġunju, 2013);

53. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza rilevanti il-Qorti tqis illi l-attur Andrea Cassar irnexxilu jipprova illi qua mandant inkariga lill-konvenut Silvan Michael Farrugia bħala l-mandatarju tiegħu sabiex għan-nom tiegħu jagħmel dak kollu neċessarju sabiex l-attur jixtri vettura mill-Ingilterra. Irnexxilu wkoll jipprova illi l-konvenut Farrugia aċċetta dan il-mandat lilu mogħti mill-attur. Dan joħroġ ċar mill-korrispondenza elettronika segwenti:

"Andrea Cassar: Dak l-aqwa :) inti meta tkun tista titla kiku?
Silvan Farrugia: Ara ghal meta tkun tridu u kellimni[16]
[...]
Andrea Cassar: Silvan ma iccekjajtlix uwx aljista jkun pls?
Silvan Farrugia: €17200 car plus registration and transport to Malta
Andrea Cassar: inkluz kollox gifieri is 17.2k?
Silvan Farrugia: Minghajr il commi[ss]ions tijaj"[17]

[16] Fol 27 tal-proċess.
[17] A tergo fol 28 tal-proċess.

54. Waqt il-konversazzjoni Farrugia beda jgħid lil Cassar li jista' jagħti l-każ li huwa kien ser iqabbad lil ħaddieħor biex innizzilu l-vettura:

> "Silvan Farrugia: Umbad hemm li spejjes ta transport u il min **nibat** jara[18].
> [...]
> Silvan Farrugia: Umbad jekk **nibat** il min jara skont il miles li jkollu jamel u talli jara[19]
> [...]
> Andrea Cassar ok u dawk kemm jigu [b'referenza ghal commission li Silvan Farrugia qallu li jiehu hu] bejn wiehed u iehor?
> Silvan Farrugia Skont jekk imur jiena jew **nibat** il min?![20]
> [...]
> Silvan Farrugia: sabiha ukoll, le biex **nibatu** jicekja u jabija ghax shipping.[21]"
> (sottolinear tal-Qorti)

55. Però nonostante dan fil-15 ta' Marzu kien jidher li kien għad hemm il-possibilità li jitla' l-konvenut Farrugia għal vettura ta' Cassar u dan "ghax hemm hafna jridu jtabew"[22]. Kien fit-18 ta' Marzu li Farrugia ikkonfermalu lil Cassar li kien ser jibgħat lil xi ħaddieħor għal vettura meta qalu "Wednesday tista taghmel it transfer halli **nibat wiehed** ghalija?!"[23]. (sottolinear tal-Qorti).

56. Il-konvenut Farrugia ma jistax jgħid għalhekk li huwa mhux il-leġittimu kontradditur – huwa ferm evidenti li huwa kien il-mandatarju; kien hu wkoll li inkariga lit-terza persuna li sal-mument li l-attur ittrasferixxa l-flus fl-esteru kif indikat lilu mill-konvenut Farrugia, il-konvenut Farrugia ma kien ta l-ebda ħjiel lill-attur minn kienet dik il-persuna. Jirriżulta li l-isem Chris Cutajar instema' l-ewwel darba, tal-anqas bil-miktub, fit-taħdita li Cassar kellu ma' Farrugia fit-2 ta' April. Ma nġabet ebda prova minn Farrugia li huwa kien semma l-isem ta' Christopher Cutajar qabel dik id-data. Pjuttost il-Qorti temmen li l-isem qatt ma ssemma lanqas waqt xi telefonata u dan għaliex il-messaġġi kienu jirreferu għal Christopher Cutajar bħala 'wieħed' jew 'xi ħadd'. L-unika isem li Farrugia

---

18 Fol 26 tal-proċess.
19 A tergo fol 26 tal-proċess.
20 A tergo fol 28 tal-proċess.
21 Fol 33 tal-proċess.
22 Fol 30 tal-proċess.
23 Fol 31 tal-proċess.

ipprovda bil-miktub qabel it-2 ta' April kien l-isem N.C. Seels, u ċioe l-isem tal-kont bankarju tal-persuna li fih kellu jittrasferixxi l-flus l-attur.

57. Ma nġabet ebda prova li bejn Cassar u Cutajar qatt kien hemm xi forma ta' kommunikazzjoni. Pjuttost jista' jingħad li intwera b'mod ċar li kien Farrugia biss li qiegħed jikkomunika ma' Cutajar. Farrugia ma jidhirx li qatt għadda lil Cassar in-numru telefoniku jew informazzjoni oħra ta' kif seta' jikkomunika ma' Cutajar u viċi versa. Tant dan huwa l-każ, li kien il-konvenut Farrugia stess li għamel referenza fl-affidavit tiegħu għal istanza fejn Cutajar mar jara vettura li laħqet inbiegħet. Cutajar ma ċempilx direttament lil Cassar, iżda ċempel lil Farrugia sabiex jinfurmah b'dan u kien imbagħad Farrugia li informa lil Cassar. Sussegwentement Cassar kien informa lil Farrugia li kien ra vettura oħra li għoġbitu u Farrugia imbagħad informa lil Cutajar. Kien l-istess konvenut Farrugia li ta struzzjonijiet lil konvenut Cutajar sabiex jagħmel depożitu fuq dik il-vettura: "Silvan Farrugia [lil Christopher Cutajar]" ibatlu i deposit ok"[24].

58. Bil-fatt li l-konvenut Farrugia inkariga lill-konvenut Cutajar sabiex imur jara l-vettura u jagħlaq in-negozju fuqha għan-nom tal-attur, Cutajar kien qed jaġixxi fuq struzzjonijiet diretti ta' Farrugia u mhux fuq struzzjonijiet tal-attur. Rilevanti f'dan ir-rigward **Artikolu 1876 (1) tal-Kapitolu 16** li jipprovdi li: *"Il-mandatarju ma jistax iqabbad lil ħaddieħor floku, jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu s-setgħa għaldaqshekk mill-mandant*." Kif rajna mill-provi mressqa, l-attur kien aċċetta li l-konvenut Farrugia minflok jitla' hu stess l-Ingilterra dan ta' l-aħħar jinkariga "lil ħaddieħor" magħruf biss lill-konvenut Farrugia u mhux ukoll lill-attur.

59. It-**tieni sub-artikolu tal-Artikolu 1876** imbagħad jaqra hekk:

> "(2) Jekk tkun ġiet mogħtija lilu din is-setgħa, iżda mingħajr ma jkun ġie mogħti l-isem tal-persuna li għandha toqgħod floku, il-mandatarju jwieġeb għall-persuna li jkun qabbad floku jekk ikun għażel persuna magħrufa bħala mhix ta' ħila jew mhix solvibbli, jew jekk xort'oħra kien jafha bħala tali."

60. Kien għalhekk l-oneru fuq il-konvenut Farrugia li jġib provi konvinċenti illi kien jaf lill-konvenut Cutajar bħala persuna affidabbli. Farrugia qatt ma ta lil

[24] Fol 238 tal-proċess.

Andrea Cassar l-isem tal-persuna li kien ser jinkariga qabel ma kien tard wisq bil-konsegwenza li l-attur qatt ma kien f'pożizzjoni li jagħmel il-verifiki fuq dik il-persuna qabel huwa għamel it-trasferiment tal-flus. Mentri l-konvenut Farrugia seta' faċilment sar jaf minn sempliċi riċerka fuq l-internet bl-affarijiet li l-attur skopra wara li l-konvenut Farrugia għaddilu l-isem tal-konvenut Cutajar. Meta kien tard wisq għall-attur li jagħmel il-verifiki tiegħu.

61. Kif jispjega **Baudry-Lacantinerie** fil-manuskritt ***Trattato teorico - Pratico di Diritto Civile: Del Mandato***:

> "*Il mandatario risponde per la colpa lieve : culpa levis in abstracto, cioe' di quella colpa che non avrebbe commesso un buon padre di famiglia. Questa era la soluzione che gia dava il Pothier, il quale la giustificava dicendo che 'colui che si incarica della gestione di un dato affare si assume di compiere tutto cio' che e' necessario compiere per tale gestione e conseguentemente tutte le cure e l'abilita', che la medesima richiede'. Il giudice tuttavia dovra' essere un po' piu severo nel suo apprezzamento, quando il mandatario sia salariato*."[25]

62. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) fil-kawża **Salvu Spiteri et vs. Joseph Spiteri et** mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014 għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paolo Monreal vs. Antonio Emmanuele Caruana**[26] fejn ġie ritenut illi :

> "*il mandatario e' responsabile non solo pel dolo, ma pure per la colpa nell'esecuzione del mandato, per la ragione che l'affare si ritiene messo sotto la salvaguardia della sua buona fede e della sua prudenza, onde e' tenuto di corrispondervi col suo zelo, colla sua propita' e sua scrupolosa delicatezza; egli nulla deve iprendere di cio che e' contrario agli interessi del mandante, quando anche queste fosse nella ignoranza. Difatti come dice il Troplong, il mandato vive di buona fede*."

63. Il-ġurisprudenza tgħallimna wkoll li l-mandatarju m'għandux jittratta l-inkarigu mogħti lilu daqs li kieku kienet xi ħaġa tiegħu, iżda għandu jmur oltre u għandu jagħmel dak kollu li missier tajjeb tal-familja hu fid-dover li jagħmel. Hawn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Prof. Valentino Tonna Barther**

---

[25] para. 593 pag. 323

[26] Kollezz Vol VIII pg 458.

**noe vs. Carmelo F. Izzo** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru 1925:

> "*Che, pero', e' noto che il mandatario, anche quando non e' come nel caso stipulato alcun compenso, deve sempre usare la diligenza di un buon padre di famiglia e rimane responsabile non soltanto di dolo ma anche di colpa lieve, onde in mancanza di evidenti annuenza del mandante, non basta a scusarlo la prova di avere usato la stessa diligenza che egli impiegava nelle cose proprie, se dall'esecuzione del mandato deriva, un danno. Or, ammessa anche a preferenza la deposizione del convenuto, quanto ai termini del mandato, non vi si trova niente che possa far arguire che l'attore avesse inteso rinunziare a che il suo mandatario impiegasse quella diligenza di un buon padre di famiglia che questi per legge doveva assumere; non il fatto di essersi rivolto per la vendita all'opera del convenuto; perche', come non si nega, a cio'fu indotto dall'amicizia che si professavano, e si aveva anche da contare sula facilita' che costui poteva avere, come impiegato in uno stabilimento fotografico, di vendere l'oggetto che gli consegnava, non ne viene che avesse anche se non alto, bisongnerebbe provare anzitutto che la pratica quivi usata gli fosse nota; non, finalmente, la allegata facolta' commessa dall'attore al convenuto di agire per lo meglio dei suoi interessi, perche' come insegna il* ***Troplong,*** *Del Mandato, No 404, tale facolta' deve far sapare al mandatario che si e' contato sulla sua vigilanza e sulla abilita' e per attendere precisamente ai propri doversi sara'a costui sempre necessario comportarsi al modo istesso dei diligenti padri di famiglia."l'agire in quella guisa" soggiunge lo stesso autore, "che avrebbe fatto per se medesimo non e' sempre sufficiente. Allorche'si agisce per se' stesso, esistono talune cose che si e' padroni di trascurare o anche di sacrificare, e talvolta non ci si bada tanto da vicino. Ma un mandatario no ha mica il diritto di trattare in simile modo gli interessi del suo committenti: si deve fare tutto che farebbe in sua vece un diligente padre di famiglia*.""[27]

64. Mill-kumpless tal-provi mressqa huwa evidenti illi l-konvenut Farrugia kien fl-aħjar ipotesi għalih negliġenti meta ma għamilx il-verifiki faċilment aċċessibbli għalih dwar il-konvenut Cutajar. Billi jgħid li ġieli fil-passat inqeda bis-servizz tal-konvenut Cutajar ma ssodisfax l-oneru li kellu li jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta'

---

[27] Kif kwotata fix-xogħol monumentali **L-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili Volum L-O** tal-kompjant l-**Imħallef Philip Sciberras**.

*bonus pater familias*. Ma jistax jingħad għalhekk li ma kienx hemm negliġenza mill-konvenut Farrugia, meta dan straħ fuq is-sempliċi fatt li huwa personalment ġieli għamel użu mis-servizz ta' Cutajar fl-għaxar snin ta' qabel mingħajr, skontu, ebda problema. In kontro-eżami Farrugia spjega li kien ilu jaf lill-konvenut Cutajar għaxar (10) snin u ma kienx hemm bżonn li jagħmel riċerka fuqu. Pero' kien obbligu fuq Farrugia qua mandatarju ta' l-attur li jkun diliġenti bħal missier tajjeb tal-familja u li jagħmel verifiki u jiżgura li Cutajar baqa' persuna li seta jikkonsidra affidabbli, aktar u aktar meta kien aċċetta l-inkarigu li jieħu ħsieb dak kollu meħtieġ sabiex iġib mill-Ingilterra vettura lill-attur inkluż li jieħu ħsieb il-modalita' dwar kif kellu l-prezz tal-vettura jiġi trasferit minn Malta lejn l-Ingilterra.

65. Mill-iscreen shot dwar il-konvenut Cutajar bħala frodist li l-attur bagħat lill-konvenut Farrugia meta faqqet il-problema, jirriżulta li dak il-*post* kien iċċirkolat f'Jannar 2019 (tlett xhur qabel Farrugia inkariga lil Cutajar) fuq pjattaforma soċjali. Dan juri kemm il-konvenut Farrugia kellu kull ċans li jagħmel il-verifiki tiegħu dwar il-konvenut Cutajar qabel inkarigah. Dan in-nuqqas jammonta għal negligenza li għaliha għandu jirrispondi qua mandatarju.

66. Id-dannu li sofra l-attur konsegwenza tan-negligenza tal-konvenut Farrugia huma l-flus li huwa ittrasferixxa fl-esteru fuq struzzjonijiet tal-konvenut Farrugia tramite l-kont bankarju ta' ommu u li ma ġewx rifużi.

67. Fit-3 t'April 2019 Maria Cassar, omm l-attur, irċeviet ittra mingħand Barclays Bank bis-segwenti informazzjoni:

> "*At the time your funds were received into this account, we had no knowledge or suspicions that this was anything other than a legitimate account. Although we can confirm that the account into which you transferred money has now been closed, no funds were remaining at the time that we were made aware of your situation.. For this reason Barclays is unable to return any money to you*."[28]

68. Fis-16 t'April 2019 Maria Cassar irċeviet mingħand il-Bank of Valletta rigward il-pagament li sar bin-numru 7092579 a favur Natalie C. Seels hekk:

[28] Fol 11 tal-proċess.

*"We effected the payment as per your instruction and credited the IBAN quoted. Unfortunately, the funds were immediately withdrawn from the accounts o we regret we are unable to return the payment as requested."*

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

a. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-konveniut Silvan Michael Farrugia, tiddikjara li l-attriċi Maria Cassar ma għandiex l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tressaq il-kawża odjerna;

b. **Tiċħad** ir-rimanenti eċċezzjonijiet;

c. **Tiddikjara** li l-konvenut Silvan Michael Farrugia, qua mandatarju tal-attur Andrea Casar, għandu jwieġeb għad-danni sofferti mill-attur meta l-attur ittrasferixxi fl-esteru s-somma £14, 849, ekwivalenti għal sbatax-il elf ħames mija u tmienja u disgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€17,598.10) bħala prezz ta' vettura li baqgħet ma ġietx ikkonsenjata;

d. **Tilqa'** in parte l-ewwel talba, tiddikjara li l-konvenut Silvan Michael Farrugia għandu jħallas lil Andrea Cassar is-somma imsemmija ta' €17,598.10 in linea ta' danni;

e. **Tilqa'** in parte t-tieni talba, tikkundanna lill-konvenut Silvan Michael Farrugia iħallas lill-attur Andrea Cassar is-somma imsemmija ta' €17,598.10 bl-imgħax legali mit-8 ta' Mejju 2019, id-data tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 1674/2019, sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż jitħallsu in kwantu għal kwint (1/5) mill-atturi u in kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-konvenut Silvan Michael Farrugia.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
**19 ta' Ottubru, 2023**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**